

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1267/2007**tas-26 ta' Ottubru 2007****dwar kundizzjonijiet speċjali għall-għoti ta' għajjnuna għall-ħżin privat tal-laħam tal-majjal**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6) u l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Miżuri ta' l-intervent jistgħu jittieħdu fir-rigward tal-laħam tal-majjal jekk, fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità, il-prezz medju tal-karkassi tal-majjal ikun anqas minn 103 % tal-prezz bażiku u jkun aktarx sa jibqa' taħt dak il-livell.
- (2) Il-prezzijiet tas-suq waqgħu taħt dak il-livell u, minħabba tendenzi staġjonali u ċikliċi, din is-sitwazzjoni jkollha mnejn tibqa'.
- (3) Miżuri ta' l-intervent għandhom jittieħdu. Dawn jistgħu jiġu llimitati għall-għoti ta' għajjnuna għall-ħżin privat f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3444/90 tas-27 ta' Novembru 1990 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti ta' l-għajjnuna għall-ħażna privata tal-laħam tal-majjal ⁽²⁾.
- (4) Skond l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2763/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jstabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' assistenza ta' ħażna privata għall-laħam tal-majjal ⁽³⁾, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tnaqqas jew testendi l-perjodu tal-ħżin. Flimkien ma' l-ammonti ta' għajjnuna għal perjodi speċifiċi ta' ħżin, għandhom jiġu stabbiliti l-ammonti li jkollhom jiżdedu jew jitnaqqsu fil-każ li l-Kummissjoni tadotta din id-deċiżjoni.
- (5) Biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol amministrattiv u ta' kontroll rigward il-konklużjoni ta' kuntratti, għandhom jiġu stabbiliti kwantitajiet minimi.

- (6) Il-garanzija għandha tiġi stabbilita flivell li jiżgura li l-inkarigati mill-ħżin iwettqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom.
- (7) Il-Kumitat tal-Ġestjoni għal-laħam tal-majjal ma tax opinjoni fl-iskadenza stabbilita mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mid-29 ta' Ottubru 2007, jistgħu jitressqu applikazzjonijiet għall-għajjnuna għall-ħżin privat skond ir-Regolament (KEE) Nru 3444/90. Il-lista tal-prodotti eliġibbli għall-għajjnuna u l-ammonti rilevanti huma spjegati fl-Anness li hawn ma' dan.

2. F'każ li l-Kummissjoni testendi jew tnaqqas il-perjodu tal-ħżin, l-ammont ta' l-għajjnuna għandu jiġi aġġustat skond il-każ. Is-supplimenti u t-tnaqqis kull xahar u kull jum jingħataw fil-kolonna 6 u 7 ta' l-Anness.

Artikolu 2

Il-kwantitajiet minimi għal kull kuntratt u għal kull prodott għandhom ikunu:

- (a) 10 tunnelli għal prodotti diżussati;
- (b) 15-il tunnelli għal prodotti oħra.

Artikolu 3

Il-garanzija għandha tkun ta' 20 % ta' l-ammont ta' għajjnuna li jingħata fl-Anness.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

⁽²⁾ ĠU L 333, 30.11.1990, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

⁽³⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 19.

ANNEX

(EUR/tunnellata)

| Kodiċi NM | Il-prodotti li għalihom tingħata l-ghajjuna | L-ammont ta' l-ghajjuna għal perjodu ta' ħżin ta' | | | Is-suppliment jew it-tnaqqis | |
|---------------|---|---|--------|--------|------------------------------|----------|
| | | 3 xhur | 4 xhur | 5 xhur | Kull xahar | Kull jum |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| ex 0203 | Il-laħam tal-ħnieżer domestiċi, frisk jew imkessaħ | | | | | |
| ex 0203 11 10 | In-nofs karkassi, mingħajr is-sieq ta' quddiem, id-denb, il-kliewi, il-falda l-irqiqa u s-sinla tad-dahar ⁽¹⁾ | 278 | 315 | 352 | 37 | 1,24 |
| ex 0203 12 11 | Il-prieżet | 337 | 379 | 421 | 42 | 1,41 |
| ex 0203 12 19 | L-ispallejn | 337 | 379 | 421 | 42 | 1,41 |
| ex 0203 19 11 | It-trufijiet ta' quddiem | 337 | 379 | 421 | 42 | 1,41 |
| ex 0203 19 13 | Il-ġenbejn, bit-tarf ta' l-għonq jew mingħajru, jew it-truf ta' l-għonq separatament, il-ġenbejn biċ- <i>chump</i> jew mingħajrha ⁽²⁾ ⁽³⁾ | 337 | 379 | 421 | 42 | 1,41 |
| ex 0203 19 15 | Iż-żquq, sħaħ jew bix-xtur imneħħija b'qatgħa rettangolari | 164 | 197 | 230 | 33 | 1,09 |
| ex 0203 19 55 | Iż-żquq, sħaħ jew bix-xtur imneħħija b'qatgħa rettangolari, mingħajr il-ġilda ta' barra u l-kustilji | 164 | 197 | 230 | 33 | 1,09 |
| ex 0203 19 55 | Ir-riġlejn, l-ispallejn, it-truf ta' quddiem, il-ġenbejn, bit-tarf ta' l-għonq jew mingħajru, jew it-truf ta' l-għonq separatament, il-ġenbejn biċ- <i>chump</i> jew mingħajru, diżussati ⁽²⁾ ⁽³⁾ | 337 | 379 | 421 | 42 | 1,41 |
| ex 0203 19 55 | Il-qatgħat li jikkorrispondu għan-"nofsijiet", bil-ġilda ta' barra jew bix-xaħam jew mingħajrhom, diżussati ⁽⁴⁾ | 255 | 290 | 325 | 35 | 1,17 |

⁽¹⁾ L-ghajjuna tista' tinghata wkoll għan-nofs karkassi ppreżentati bhala *Wiltshire sides*, jiġifieri mingħajr ir-ras, il-hadd, ix-xedaq, is-saqajn, id-denb, il-grass tas-simna, il-kliewi, it-*tenderloin*, l-ghadma ta' l-ispalla, l-isternu, is-sinla, l-ghadma pelvika u d-dijaframma.

⁽²⁾ Il-ġenbejn u t-truf ta' l-għonq jistgħu jkunu bil-ġilda ta' barra jew mingħajrha, imma s-saff tax-xaħam ta' magħha ma għandux jaqbeż fond ta' 25mm.

⁽³⁾ Il-kwantità kkuntrattata tista' tkopri kull tagħqida tal-prodotti msemmija.

⁽⁴⁾ L-istess preżentazzjoni bħall-prodotti koperti bil-kodiċi NM 0210 19 20.